



27.9.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (COM(2017)0797 – C8-0006/2018 – 2017/0355(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Kostas Chrysogonos

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprovdi fl-Artikolu 31 tagħha li kull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu, u għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas.

Emenda

(1) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprovdi fl-Artikolu 31 tagħha li kull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu, u għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas.

Jenħtieġ li l-objettivi ta' din id-Direttiva jkunu għalkollox konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Soċjali;

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-Prinċipju 7 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jiddikjara li l-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub fil-bidu tal-impjieg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol, inkluż dwar il-perjodu ta' ***probazzjoni***, u li għandhom id-dritt għall-aċċess għal riżoluzzjoni tat-tilwim effettiva

Emenda

(2) Il-Prinċipju 7 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jiddikjara li l-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub fil-bidu tal-impjieg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol, inkluż dwar il-perjodu ta' ***prova, u li huma intitolati jiġu infurmati dwar ir-raġunijiet għas-sensja tagħhom u***

u imparzjali u, f'każ ta' sensja mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. Il-Prinċipju 5 jiddikjara li irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, li għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi, li kwalunkwe perjodu ta' **probazzjoni** jenħtieġ li jkun ta' durata raġonevoli u li għandha titrawwem it-tranżizzjoni lejn forom ta' impjieg miftuħa.

jingħataw perjodu ta' avviż raġonevoli u li għandhom id-dritt għall-aċċess għal rizzoluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u, f'każ ta' sensja mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. Il-Prinċipju 5 jiddikjara li irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, li għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi, li kwalunkwe perjodu ta' **prova** jenħtieġ li jkun ta' durata raġonevoli u li għandha titrawwem it-tranżizzjoni lejn forom ta' impjieg miftuħa, ***filwaqt li l-impjegaturi jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw ruħhom rapidament għal kwalunkwe żvolta ekonomika.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE,³³ is-swieq tax-xogħol għaddew minn bidliet kbar minħabba l-iżviluppi demografiċi u d-diġitalizzazzjoni li wasslu għall-ħolqien ta' forom ġodda ta' impjieg, li appoġġaw il-ħolqien ***tal-impjegi u t-tkabbir tas-suq tax-xogħol.*** Forom ġodda ta' impjieg spiss mhumiex ***daqshekk*** regolari jew stabbli daqs ***relazzjonijiet*** ta' impjieg tradizzjonali u jwasslu għal prevedibbiltà mnaqqsa għall-ħaddiema kkonċernati, filwaqt li joħolqu inċertezza fir-rigward tad-drittijiet applikabbli u l-protezzjoni soċjali. F'din id-dinja tax-xogħol li qed tevolvi, għalhekk hemm ħtieġa ikbar li l-ħaddiema ***jkunu*** infurmati bis-sħiħ dwar il-kondizzjonijiet

Emenda

(3) Mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE³³, is-swieq tax-xogħol għaddew minn bidliet kbar minħabba l-iżviluppi demografiċi u d-diġitalizzazzjoni li wasslu għall-ħolqien ta' forom ġodda ta' impjieg, ***iżda wkoll minħabba miżuri li jieħdu approċċ unilaterali għas-suq tax-xogħol f'dak li jikkonċerna l-provvista, immirat lejn il-liberalizzazzjoni u d-deregolamentazzjoni tas-swieq tax-xogħol,*** li appoġġaw il-ħolqien ***ta' mudelli ġodda ta' negozju.*** Forom ġodda ta' impjieg ***ta'*** spiss mhumiex regolari jew stabbli daqs relazzjonijiet ta' impjieg tradizzjonali u jwasslu għal prevedibbiltà mnaqqsa għall-ħaddiema kkonċernati, filwaqt li joħolqu inċertezza fir-rigward tad-drittijiet

tax-xogħol essenzjali tagħhom, li jenħtieġ li jsir bil-miktub u **fi żmien xieraq**. Sabiex l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' impjieg jiġi inkwadrat b'mod adegwat, il-ħaddiema fl-Unjoni jenħtieġ li jingħataw ukoll għadd ta' drittijiet minimi ġodda mmirati lejn il-promozzjoni tas-sigurtà u l-prevedibbiltà fir-relazzjonijiet ta' impjieg filwaqt li tinkiseb konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri u tiġi ppreservata l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol.

applikabbli u l-protezzjoni soċjali **u jinkoraġġixxu prattiki mhux ċari jew inġusti, li b'hekk jiddestabilizzaw is-suq tax-xogħol**. F'din id-dinja tax-xogħol li qed tevolvi, għalhekk hemm ħtieġa ikbar li l-ħaddiema, **irrispettivament mill-qasam partikolari tagħhom, ikunu** infurmati bis-siħ dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol essenzjali tagħhom, li jenħtieġ li jsir bil-miktub u **bl-iktar mod rapidu possibbli**. Sabiex l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' impjieg jiġi inkwadrat b'mod adegwat, il-ħaddiema fl-Unjoni jenħtieġ li jingħataw ukoll għadd ta' drittijiet minimi ġodda mmirati lejn il-promozzjoni tas-sigurtà u l-prevedibbiltà fir-relazzjonijiet ta' impjieg filwaqt li tinkiseb konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri u tiġi ppreservata l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol.

³³ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32).

³³ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32).

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Skont id-Direttiva 91/533/KEE, il-maġġoranza tal-ħaddiema fl-Unjoni għandhom id-dritt li jirċievu informazzjoni bil-miktub dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Madankollu, id-Direttiva 91/533/KEE ma tkoprix lill-ħaddiema kollha fl-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba żviluppi fis-suq tax-xogħol mill-1991 inħolqu lakuni fil-protezzjoni għal forom ġodda ta' impjegi.

Emenda

(4) Skont id-Direttiva 91/533/KEE, il-maġġoranza tal-ħaddiema fl-Unjoni għandhom id-dritt li jirċievu informazzjoni bil-miktub dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Madankollu, id-Direttiva 91/533/KEE ma tkoprix lill-ħaddiema kollha fl-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba żviluppi **ekonomiċi, soċjali u** fis-suq tax-xogħol mill-1991 inħolqu lakuni fil-protezzjoni għal forom ġodda ta' impjegi.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) ***Ir-rekwiżiti*** minimi relatati mal-informazzjoni dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg u relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol li japplikaw għal kull ħaddiem jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha fl-Unjoni livell ***adegwat*** ta' trasparenza u prevedibbiltà fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol.

Emenda

(5) ***L-istandards*** minimi relatati mal-informazzjoni dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg u relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol li japplikaw għal kull ħaddiem, ***irrispettivament mill-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom***, jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha fl-Unjoni ***l-istess*** livell ta' trasparenza, ***sigurtà*** u prevedibbiltà fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ***tagħhom***.

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) ***L-objettiv ta' din id-Direttiva – li tippromwovi provvista ta' ħaddiema aktar sikura u aktar prevedibbli, filwaqt li tiżgura l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-innovazzjoni u kondizzjonijiet ta' għajxien u tax-xogħol aħjar – jista' jinkiseb billi l-ħaddiema jingħataw aċċess aktar effiċjenti għall-informazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, billi jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment għall-ħaddiema involuti f'forom tax-xogħol ġodda u atipiċi, billi l-leġiżlazzjoni tiġi implimentata b'mod aktar effettiv u tiżdied iat-trasparenza tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi fuq in-negozji ta' kwalunkwe daqs.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet previsti ***mil-liġi*** tal-Unjoni, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva 91/533/KEE jenħtieġ li jiġi aġġornat. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet kriterji sabiex tiddetermina l-istatus ta' haddiem³⁴ li huma xierqa sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' din id-Direttiva. Id-definizzjoni ta' ħaddiem fl-Artikolu 2(1) ***hija bbażata*** fuq ***dawn il-kriterji***. Dawn jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tal-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva filwaqt li jħallu f'idejn l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali sabiex japplikawh għal sitwazzjonijiet speċifiċi. Dment li jissodisfaw dawn il-kriterji, il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema tal-pjattaforma, it-trainees u ***l-apprendisti jistgħu*** jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

³⁴ Sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum, il-Kawża 66/85; l-14 ta' Ottubru 2010, Union Syndicale Solidaires Isère, il-Kawża C-428/09; id-9 ta' Lulju 2015, Balkaya, il-Kawża C-229/14; l-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten, il-Kawża C-413/13; u s-17 ta' Novembru 2016, Ruhrlandklinik, il-Kawża C-216/15.

Emenda

(7) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet previsti ***mid-dritt*** tal-Unjoni ***u l-implimentazzjoni indiskriminata tiegħu***, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva 91/533/KEE jenħtieġ li jiġi aġġornat. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet kriterji sabiex tiddetermina l-istatus ta' haddiem³⁴ li huma xierqa sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' din id-Direttiva. Id-definizzjoni ta' ħaddiem fl-Artikolu 2(1) ***teħtieġ li tkun ibbażata*** fuq ***il-kriterji żviluppati kemm mill-QtĠ-UE kif ukoll mill-ILO***. Dawn jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tal-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva filwaqt li jħallu f'idejn l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali sabiex japplikawh għal sitwazzjonijiet speċifiċi. Dment li jissodisfaw dawn il-kriterji, il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema tal-pjattaforma, it-trainees, ***l-apprendisti u r-riċerkaturi iridu*** jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

³⁴ Sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum, il-Kawża 66/85; l-14 ta' Ottubru 2010, Union Syndicale Solidaires Isère, il-Kawża C-428/09; id-9 ta' Lulju 2015, Balkaya, il-Kawża C-229/14; l-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten, il-Kawża C-413/13; u s-17 ta' Novembru 2016, Ruhrlandklinik, il-Kawża C-216/15.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni 198 tal-ILO, meta, d-direzzjoni ma tkunx tista' tiġi direttament stabbilita, id-dipendenza ekonomika jenħtieġ li titqies bħala l-kriterju addizzjonali ċentrali fil-valutazzjoni ta' jekk persuna tkunx ħaddiem.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni 198 tal-ILO, jenħtieġ li d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg tkun ibbażata fuq il-fatti relatati mat-twettiq effettiv tax-xogħol u mhux fuq id-deskrizzjoni tar-relazzjoni mill-partijiet.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7c) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni 198 tal-ILO, jenħtieġ li tiġi prevista awtomatikament il-preżunzjoni ġuridika li relazzjoni ta' impjieg teżisti meta indikatur rilevanti wieħed jew aktar ikunu preżenti.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Minħabba l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/533/KEE fuq il-bażi ta' derogi magħmula mill-Istati Membri skont l-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, huwa meħtieġ li dawn id-derogi jiġu sostitwiti bil-possibbiltà għall-Istati Membri li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal relazzjoni ta' impjieg ta' 8 sghat jew inqas b'kollox f'perjodu ta' referenza ta' xahar. Dik id-deroga ma taffettwax id-definizzjoni ta' ħaddiem kif prevista fl-Artikolu 2(1).

imħassar

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Minħabba l-imprevedibbiltà tax-xogħol fuq talba inklużi l-kuntratti ta' żero sghat, id-deroga ta' 8 sghat fix-xahar jenħtieġ li ma tintużax għal relazzjonijiet ta' impjieg li fihom l-ebda ammont garantit ta' xogħol imħallas ma jiġi determinat qabel il-bidu tal-impjieg.

imħassar

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi differenti jistgħu fil-prattika jkollhom il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta'

(10) Diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi differenti jistgħu fil-prattika jkollhom il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta'

impjegatur. L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi sabiex jiddeterminaw b'mod iktar preċiż il-persuna/i li huma kkunsidrati totalment jew parzjalment responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li din id-Direttiva tistabbilixxi għall-impjegaturi, dment li dawk l-obbligi jkunu kollha **ssodisfatti**. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddeċiedu li wħud minn dawk l-obbligi jew kollha għandhom jiġu assenjati lil persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx parti mir-relazzjoni ta' impjieg. **L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu regoli speċifiċi sabiex jeskludu lill-individwi li jaġixxu bħala impjegaturi ta' ħaddiema domestiċi f'unitajiet domestiċi mill-obbligi li jikkunsidraw u jwiegħbu għat-talbiet għal tip ta' impjieg differenti, biex jipprovdu taħriġ obligatorju mingħajr ħlas, u mill-kopertura tal-mekkaniżmu ta' rimedju fuq il-bażi ta' preżunzjonijiet favorevoli fil-każ ta' informazzjoni nieqsa fid-dikjarazzjoni bil-miktub.**

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Id-Direttiva 91/533/KEE introduċiet lista minima ta' aspetti essenzjali li l-ħaddiema għandhom ikunu infurmati bil-miktub dwarhom. Dik il-lista **jehťieġ li** tiġi adattata sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari t-tkabbir ta' forom ta' impjieg mhux standard.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

PE621.111v02-00

impjegatur. L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi sabiex jiddeterminaw b'mod iktar preċiż il-persuna/i li huma kkunsidrati totalment jew parzjalment **jew konġuntement** responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li din id-Direttiva tistabbilixxi għall-impjegaturi, dment li dawk l-obbligi jkunu kollha **ssodisfatti**. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddeċiedu li wħud minn dawk l-obbligi jew kollha għandhom jiġu assenjati lil persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx parti mir-relazzjoni ta' impjieg. **Jekk bosta persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi jkunu responsabbli bħala impjegatur, huma jkunu responsabbli in solidum.**

Emenda

(11) Id-Direttiva 91/533/KEE introduċiet lista minima ta' aspetti essenzjali li l-ħaddiema għandhom ikunu infurmati bil-miktub dwarhom. **Huwa meħťieġ li** dik il-lista **minima** tiġi adattata sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari t-tkabbir ta' forom ta' impjieg mhux standard. **L-Istati Membri irid ikollhom id-dritt li jestendu dik il-lista minima f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali.**

10/54

AD\1163822MT.docx

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-informazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol jenħtieġ li tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵, u tinkludi informazzjoni dwar waqfiet, mistrieħ ta' kuljum, mistrieħ fil-ġimgħa u l-ammont ta' leave imħallas.

³⁵ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

Emenda

(12) L-informazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol jenħtieġ li tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵, u tinkludi informazzjoni dwar waqfiet, mistrieħ ta' kuljum, mistrieħ fil-ġimgħa u l-ammont ta' leave imħallas ***u b'hekk tiżgura l-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.***

³⁵ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni li ***għandha*** tiġi pprovduta jenħtieġ li tinkludi l-elementi kollha tar-remunerazzjoni, inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus jew in natura, riċevuti direttament jew indirettament mill-ħaddiem fir-rigward tax-xogħol tiegħu. L-ġhoti ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-impjegaturi li jipprovdu elementi addizzjonali ta' remunerazzjoni bħal ħlasijiet ta' darba. Il-fatt li l-elementi ta' remunerazzjoni dovuti mil-liġi jew minn ftehim kollettiv ma ġewx inklużi f'dik l-informazzjoni ma għandux jikkostitwixxi raġuni għalfejn ma ġewx ipprovduti lill-ħaddiem.

Emenda

(13) L-informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni li ***trid*** tiġi pprovduta jenħtieġ li tinkludi ***iżda ma tkunx limitata għall***-elementi kollha tar-remunerazzjoni, ***kif ukoll il-metodu ta' kalkolu,*** , inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus jew in natura, riċevuti direttament jew indirettament mill-ħaddiem fir-rigward tax-xogħol tiegħu, ***ħlas għas-saħra, bonusijiet u intitolamenti oħra, bħall-ħlas f'każ ta' mard.*** L-ġhoti ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-impjegaturi li jipprovdu elementi addizzjonali ta' remunerazzjoni bħal ħlasijiet ta' darba. Il-fatt li l-elementi ta' remunerazzjoni dovuti mil-liġi jew minn ftehim kollettiv ma ġewx inklużi f'dik l-informazzjoni ma għandux jikkostitwixxi raġuni għalfejn ma ġewx ipprovduti lill-ħaddiem.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Jekk ma jkunx possibbli li tiġi indikata skeda tax-xogħol fissa minħabba n-natura tal-impjieg, il-ħaddiema jenħtieġ li ***jkunu jafu*** kif se tiġi stabbilita l-iskeda tax-xogħol tagħhom, inklużi l-perjodi ta' ħin li fihom jistgħu jintalbu jaħdmu u l-avviż bil-quddiem minimu li jenħtieġ li jirċievu.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-informazzjoni dwar is-sistemi tas-sigurtà soċjali jenħtieġ li tinkludi, fejn rilevanti, benefiċċji tal-mard, ***maternità*** u benefiċċji ekwivalenti għall-ġenituri, ***paternità, anzjanità, invalidità, superstiti, qgħad, irtirar*** bikri jew tal-familja. L-informazzjoni dwar il-protezzjoni tas-

Emenda

(14) Jekk ma jkunx possibbli li tiġi indikata skeda tax-xogħol fissa minħabba n-natura tal-impjieg, il-ħaddiema jenħtieġ li ***jiġu infurmati dwar*** kif se tiġi stabbilita l-iskeda tax-xogħol tagħhom, inklużi l-perjodi ta' ħin li fihom jistgħu jintalbu jaħdmu u l-avviż bil-quddiem minimu li jenħtieġ li jirċievu.

Emenda

(14a) Jenħtieġ li s-sigħat tax-xogħol ikunu organizzati f'konformità mal-prinċipji ekonomiċi u l-produttività iżda wkoll minn perspettiva strettament umana fis-sens li s-sigħat tax-xogħol jenħtieġ li jiġu progressivament imnaqqsa sabiex lill-ħaddiema jingħatalhom aktar ħin liberu.

Emenda

(15) L-informazzjoni dwar is-sistemi tas-sigurtà soċjali jenħtieġ li tinkludi, fejn rilevanti, ***mill-inqas*** benefiċċji tal-mard, ***tal-maternità*** u benefiċċji ekwivalenti għall-ġenituri, ***tal-paternità, tal-anzjanità, tal-invalidità, tas-superstiti, tal-qgħad, tal-irtirar*** bikri jew tal-familja ***u r-riskji l-***

sigurtà soċjali pprovduta mill-impjegatur jenħtieġ li tinkludi, fejn rilevanti, kopertura minn skemi ta' pensjoni supplimentari skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE³⁶ u d-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁷

³⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

³⁷ Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-ħaddiema jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jiġu informati bil-miktub **fil-bidu** tal-impjieg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg. L-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li għalhekk tasal għandhom **mhux iktar tard mill-ewwel** jum ta' impjieg.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

oħrajn kollha koperti mir-Regolament (KE) 883/2004. L-informazzjoni dwar il-protezzjoni tas-sigurtà soċjali pprovduta mill-impjegatur jenħtieġ li tinkludi, fejn rilevanti, kopertura minn skemi ta' pensjoni supplimentari skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE³⁶ u d-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁷

³⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

³⁷ Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

Emenda

(16) Il-ħaddiema jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jiġu informati bil-miktub **mill-bidu** tal-impjieg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg. L-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li għalhekk tasal għandhom, **meta dan ikun applikabbli, fil-mument meta l-kuntratt ta' impjieg ikun ġie ffirmat u qabel l-ewwel** jum ta' impjieg.

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Sabiex jgħinu lill-impjegaturi jipprovdu informazzjoni f'waqtha, l-Istati Membri jenħtiegħ li jiżguraw id-disponibbiltà ta' formoli fil-livell nazzjonali li jinkludu informazzjoni li tkun komprensiva biżżejjed u rilevanti dwar il-qafas legali applikabbli. Dawn il-formoli **jistgħu jiġu żviluppati aktar** fil-livell settorjali jew lokali, mill-awtoritajiet nazzjonali u **s-sħab** soċjali.

Emenda

(17) Sabiex jgħinu lill-impjegaturi jipprovdu informazzjoni f'waqtha, l-Istati Membri jenħtiegħ li jiżguraw id-disponibbiltà ta' formoli fil-livell nazzjonali li jinkludu informazzjoni li tkun komprensiva biżżejjed u rilevanti dwar il-qafas legali applikabbli. **Jenħtiegħ li l-Kummissjoni Ewropea tassisti lill-Istati Membri jipproduċu dawn il-formoli sabiex jevitaw kwalunkwe diskrepanza fil-kontenut bejn l-Istati Membri varji. Il-kontenut ta' dawn il-formoli jista' jiġi ddeterminat** fil-livell settorjali jew lokali, mill-awtoritajiet nazzjonali u **mis-sħab** soċjali, **dment li ma jinholq l-ebda piż amministrattiv addizzjonali sproporzjonat jew eċċessiv.**

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Ħaddiema stazzjonati jew mibgħuta barra mill-pajjiż jenħtiegħ li jirċievu informazzjoni addizzjonali speċifika għas-sitwazzjoni tagħhom. Għal assenjazzjonijiet tax-xogħol suċċessivi mwettqa f'diversi Stati Membri jew pajjiżi terzi, bħat-trasport internazzjonali bit-triq, dik l-informazzjoni tista' tiġi raggrupjata għal diversi **assenjamenti** qabel l-ewwel tluq u wara tista' tiġi modifikata f'każ ta' bidla. Meta jikkwalifikaw bħala ħaddiema stazzjonati skont id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,³⁸ jenħtiegħ li jiġu nnotifikati wkoll dwar is-sit web nazzjonali uniku żviluppat mill-Istat Membru ospitanti fejn jistgħu jsibu l-informazzjoni rilevanti dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol li japplikaw għas-sitwazzjoni tagħhom. **Sakemm l-**

Emenda

(18) Ħaddiema stazzjonati jew mibgħuta barra mill-pajjiż jenħtiegħ li jirċievu informazzjoni addizzjonali speċifika għas-sitwazzjoni tagħhom. Għal assenjazzjonijiet tax-xogħol suċċessivi mwettqa f'diversi Stati Membri jew pajjiżi terzi, bħat-trasport internazzjonali bit-triq, dik l-informazzjoni tista' tiġi raggrupjata għal diversi **assenjazzjonijiet** qabel l-ewwel tluq u wara tista' tiġi modifikata **qabel il-bidu tal-assenjazzjoni rilevanti jew** f'każ ta' bidla. Meta jikkwalifikaw bħala ħaddiema stazzjonati skont id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtiegħ li jiġu nnotifikati wkoll dwar is-sit web nazzjonali uniku żviluppat mill-Istat Membru ospitanti fejn jistgħu jsibu l-informazzjoni rilevanti dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol li japplikaw

Istati Membri ma jipprevedux mod ieħor, dawn l-obbligi japplikaw jekk id-durata tal-perjodu tax-xogħol barra mill-pajjiż tkun aktar minn erba' ġimgħat konsekuttivi.

³⁸ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-perjodi ta' **probazzjoni** jippermettu lill-impjegaturi jivverifikaw li l-ħaddiema jkunu adattati għall-pożizzjoni li jkunu impjegati biex jimlew filwaqt li jagħtuhom l-appoġġ ta' akkumpanjament u t-taħriġ. **Dawn il-perjodi jistgħu jkunu akkumpanjati minn protezzjoni mnaqqsa kontra s-sensja.** Kull dħul fis-suq tax-xogħol jew tranżizzjoni lejn pożizzjoni ġdida ma għandhomx ikunu soġġetti għal insigurtà fit-tul. Kif stabbilit fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-perjodi ta' **probazzjoni** jenħtieġ li għalhekk ikunu ta' durata raġonevoli. Għadd sostanzjali ta' Stati Membri stabbilixxew durata massima ġenerali tal-perjodi ta' prova ta' bejn tlieta u sitt xhur, li **għandha** titqies bħala raġonevoli. Il-perjodi ta' **probazzjoni** jistgħu jkunu ta' aktar minn **sitt** xhur meta dan ikun **iġġustifikat min-natura tal-impjieg, bħal pożizzjonijiet maniġerjali, u meta jkun** fl-interess tal-ħaddiem, bħal fil-każ ta' mard fit-tul jew fil-kuntest ta' miżuri speċifiċi li jippromwovu l-impjegi permanenti b'mod partikolari għall-ħaddiema żgħażaġh.

għas-sitwazzjoni tagħhom. **Il-ħaddiema stazzjonati barra minn pajjiżhom iridu jiġu notifikati bil-lingwa uffieċjali tal-pajjiż fejn il-kuntratt ta' impjieg inizjali jiġi ffirmat.**

³⁸ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

Emenda

(19) Il-perjodi ta' **prova** jippermettu lill-impjegaturi jivverifikaw li l-ħaddiema jkunu adattati għall-pożizzjoni li jkunu impjegati biex jimlew filwaqt li jagħtuhom l-appoġġ ta' akkumpanjament u t-taħriġ. Kull dħul fis-suq tax-xogħol jew tranżizzjoni lejn pożizzjoni ġdida ma għandhomx ikunu soġġetti għal insigurtà fit-tul. Kif stabbilit fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-perjodi ta' **prova** jenħtieġ li għalhekk ikunu ta' durata raġonevoli. Għadd sostanzjali ta' Stati Membri stabbilixxew durata massima ġenerali tal-perjodi ta' prova ta' bejn tlieta u sitt xhur, li **jenħtieġ li** titqies bħala raġonevoli **u jenħtieġ li ma tiġi estiża fl-ebda ċirkostanza.** Il-perjodi ta' **prova** jistgħu jkunu ta' aktar minn **tliet** xhur **biss** meta dan ikun fl-interess tal-ħaddiem, bħal fil-każ ta' mard fit-tul jew fil-kuntest ta' miżuri speċifiċi li jippromwovu l-impjegi permanenti b'mod partikolari għall-ħaddiema żgħażaġh.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-impjegaturi ma għandhomx jipprojbixxi lill-ħaddiema milli jaħdmu ma' impjegaturi oħrajn, lil hinn mill-ħinijiet li jaħdmu għalihom, fil-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁹ ***Il-klawżoli ta' inkompatibbiltà, mifhuma bħala restrizzjoni fuq ix-xogħol għal kategoriji speċifiċi ta' impjegaturi, jistgħu jkunu meħtieġa għal raġunijiet oġġettivi, bħall-protezzjoni ta' sigrieti tan-negozju jew l-evitar ta' kunflitti ta' interess.***

³⁹ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Is-sigħat u l-jiem ta' referenza, mifhuma bħala slots ta' ħin fejn ix-xogħol jista' jsir fuq talba tal-impjegatur, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bil-miktub ***fil-bidu*** tar-relazzjoni ta' impjeg.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 23

Emenda

(20) L-impjegaturi ma għandhomx jipprojbixxi lill-ħaddiema milli jaħdmu ma' impjegaturi oħrajn, lil hinn mill-ħinijiet li jaħdmu għalihom, fil-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁹.

³⁹ Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

Emenda

(22) Is-sigħat u l-jiem ta' referenza, mifhuma bħala slots ta' ħin fejn ix-xogħol jista' jsir fuq talba tal-impjegatur, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bil-miktub ***qabel il-bidu*** tar-relazzjoni ta' impjeg.

(23) Avviż bil-quddiem minimu raġonevoli, mifhum bħala l-perjodu ta' żmien bejn il-mument li fih il-ħaddiem ikun infurmat dwar assenjazzjoni ta' xogħol ġdid u l-mument li fih jibda l-assenjament, jikkostitwixxi element neċessarju ieħor ta' prevedibbiltà tax-xogħol għar-relazzjonijiet ta' impjeg bi skeda tax-xogħol li tkun varjabbli jew fil-biċċa l-kbira determinata mill-impjegatur. It-tul tal-perjodu ta' avviż bil-quddiem jista' **jvarja** skont il-ħtiġijiet tas-setturi, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni adegwata tal-ħaddiema. Dan japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁴⁰

(23) Avviż bil-quddiem minimu raġonevoli **ta' ħmistax-il jum**, mifhum bħala l-perjodu ta' żmien bejn il-mument li fih il-ħaddiem ikun infurmat dwar assenjazzjoni ta' xogħol ġdid u l-mument li fih jibda l-assenjament, jikkostitwixxi element neċessarju ieħor ta' prevedibbiltà tax-xogħol għar-relazzjonijiet ta' impjeg bi skeda tax-xogħol li tkun varjabbli jew fil-biċċa l-kbira determinata mill-impjegatur. It-tul tal-perjodu ta' avviż bil-quddiem jista' **jkun itwal** skont il-ħtiġijiet tas-setturi, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni adegwata tal-ħaddiema. Dan japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁴⁰

⁴⁰ Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

⁴⁰ Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 25

(25) Meta l-impjegaturi jkollhom il-possibbiltà li joffru kuntratti tax-xogħol full-time jew indefiniti għall-ħaddiema f'forom ta' impjeg mhux standard, jenħtieġ li tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn forom ta' impjeg iktar siguri. Il-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu forma ta' impjeg iktar prevedibbli u sigura, meta disponibbli, u jirċievu risposta bil-miktub mill-impjegatur, li tqis il-ħtiġijiet tal-impjegatur u tal-ħaddiem.

(25) Meta l-impjegaturi jkollhom il-possibbiltà li joffru kuntratti tax-xogħol full-time jew indefiniti għall-ħaddiema f'forom ta' impjeg mhux standard, jenħtieġ li tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn forom ta' impjeg iktar siguri **f'konformità mal-Prinċipju 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamati f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, li għandu l-għan li jinkoraġġixxi t-tranżizzjoni lejn impjeg ta' tul indefinit**. Il-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu

forma ta' impjieg iktar prevedibbli u sigura, meta disponibbli, u jirċievu risposta bil-miktub **sostanzjata kif xieraq** mill-impjegatur, li tqis il-ħtiġijiet tal-impjegatur u tal-ħaddiem.

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Meta l-impjegaturi jkunu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni jew minn ftehimiet kollettivi li jipprovdu taħriġ lill-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol li huma impjegati għalih, huwa importanti li jiġi żgurat li tali taħriġ ikun ipprovdut b'mod ekwu, inklużi għal dawk f'forom ta' impjieg mhux standard. L-ispejjeż ta' dan it-taħriġ m'għandhomx jiġihallu mill-ħaddiem u lanqas ma għandhom jinżammu jew jitnaqqsu mir-remunerazzjoni tal-ħaddiem.

Emenda

(26) Meta l-impjegaturi jkunu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni jew minn ftehimiet kollettivi **jew regoli interni** li jipprovdu taħriġ lill-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol li huma impjegati għalih, huwa importanti li jiġi żgurat li tali taħriġ ikun ipprovdut b'mod ekwu **u mingħajr diskriminazzjoni**, inklużi għal dawk f'forom ta' impjieg mhux standard. L-ispejjeż ta' dan it-taħriġ m'għandhomx jiġihallu mill-ħaddiem u lanqas ma għandhom jinżammu jew jitnaqqsu mir-remunerazzjoni tal-ħaddiem. **Jenħtieġ li t-taħriġ isir waqt il-ħinijiet tax-xogħol.**

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Is-sħab soċjali jistgħu jikkunsidraw li f'setturi jew f'sitwazzjonijiet speċifiċi dispożizzjonijiet differenti jkunu iktar xierqa, sabiex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva, **milli l-istandards minimi stabbiliti fil-Kapitolu Tlieta ta' din id-Direttiva**. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jimmodifikaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dak il-kapitolu, dment li ma jitnaqqasx il-livell ġenerali tal-

Emenda

(27) Is-sħab soċjali jistgħu jikkunsidraw li f'setturi jew f'sitwazzjonijiet speċifiċi dispożizzjonijiet differenti jkunu iktar xierqa, sabiex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva, **dment li dawn ikunu f'konformità sħiħa ma' din id-Direttiva u joffru protezzjoni ikbar**. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jimmodifikaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dak il-kapitolu, dment li **jittejjeb u** ma jitnaqqasx il-livell

protezzjoni tal-ħaddiema.

ġenerali tal-protezzjoni
nondiskriminatorja tal-ħaddiema **f'kull**
ċirkostanza.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Fl-Istati Membri li fihom hemm livell għoli ta' organizzazzjoni, kemm fost l-impjegati kif ukoll fost l-impjegaturi, u meta s-sħab soċjali fil-kapaċità tagħhom ta' rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi jkollhom ir-responsabbiltà primarja biex jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol fis-suq tax-xogħol, jenħtieġ li s-sħab soċjali jkollhom awtorità sħiħa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkonkludu ftehimiet kollettivi. Tali ftehimiet kollettivi konklużi li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u jagħtu lill-ħaddiema protezzjoni ġenerali jistgħu jiddevjaw mid-drittijiet minimi mogħtija minn din id-direttiva dment li l-għan tad-direttiva jitħares.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-eliminazzjoni tat-tipi kollha ta' diskriminazzjoni fir-rigward tal-aspetti kollha tar-remunerazzjoni u t-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjeg u irrISPettivament mit-tip ta' kuntratt tal-ħaddiem.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Il-konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali wriet il-ħtieġa li jissaħħa l-infurzar tal-liġi tax-xogħol tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħha. Fir-rigward tad-Direttiva 91/533/KEE⁴¹, l-evalwazzjoni REFIT ikkonfermat li mekkaniżmi msaħħa ta' infurzar jistgħu jtejbu l-effettività tagħha. Hija wriet li s-sistemi ta' rimedju bbażati biss fuq talbiet għal danni huma inqas effettivi minn sistemi li jipprovdu wkoll għal sanzjonijiet (bħal somom f'daqqa jew telf ta' permessi) għal impjegaturi li ma jagħmlux dikjarazzjonijiet bil-miktub. Hija wriet ukoll li l-impjegati rari jfittxu rimedju matul ir-relazzjoni ta' impjieg, li jipperikola l-għan tad-dispożizzjoni tad-dikjarazzjoni bil-miktub li tiżgura li l-ħaddiema jkunu infurmati dwar il-karatteristiċi essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ta' infurzar li jiżguraw jew l-użu ta' preżunzjonijiet favorevoli fejn ma tingħatax informazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' impjieg, **jew inkella l-użu** ta' proċedura amministrattiva li biha l-impjegatur jista' jkun meħtieġ li jipprovdi l-informazzjoni nieqsa u jkun suġġett għal sanzjoni f'każ li ma jagħmilx hekk. Dak ir-rimedju jenħtieġ li jkun soġġett għal proċedura li biha l-impjegatur jiġi notifikat li jkun hemm informazzjoni li tkun nieqsa u li għandu 15-il jum sabiex jipprovdi l-informazzjoni sħiħa u korretta.

⁴¹ SWD(2017)205 final, p. 26.

Emenda

(28) Il-konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali wriet il-ħtieġa li jissaħħa l-infurzar tal-liġi tax-xogħol tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħha. Fir-rigward tad-Direttiva 91/533/KEE, l-evalwazzjoni REFIT⁴¹ ikkonfermat li mekkaniżmi msaħħa ta' infurzar jistgħu jtejbu l-effettività tagħha. Hija wriet li s-sistemi ta' rimedju bbażati biss fuq talbiet għal danni huma inqas effettivi minn sistemi li jipprovdu wkoll għal sanzjonijiet (bħal somom f'daqqa jew telf ta' permessi) għal impjegaturi li ma jagħmlux dikjarazzjonijiet bil-miktub. Hija wriet ukoll li l-impjegati rari jfittxu rimedju matul ir-relazzjoni ta' impjieg, li jipperikola l-għan tad-dispożizzjoni tad-dikjarazzjoni bil-miktub li tiżgura li l-ħaddiema jkunu infurmati dwar il-karatteristiċi essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ta' infurzar li jiżguraw jew l-użu ta' preżunzjonijiet favorevoli fejn ma tingħatax informazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' impjieg, **u** ta' proċedura amministrattiva li biha l-impjegatur jista' jkun meħtieġ li jipprovdi l-informazzjoni nieqsa u jkun suġġett għal sanzjoni f'każ li ma jagħmilx hekk. Dak ir-rimedju jenħtieġ li jkun soġġett għal proċedura li biha l-impjegatur jiġi notifikat li jkun hemm informazzjoni li tkun nieqsa u li għandu 15-il jum sabiex jipprovdi l-informazzjoni sħiħa u korretta.

⁴¹ SWD(2017)205 final, p. 26.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Mid-Direttiva 91/533/KEE fl-Unjoni ġiet adottata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet ta' infurzar għall-acquis soċjali, partikolarment fl-oqsma ta' kontra d-diskriminazzjoni u tal-opportunitajiet indaqs, li ***l-elementi tagħha jenħtieġ li jiġu applikati*** għal din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema ***jkollhom*** aċċess għal rizzoluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, li jirrifletti l-Prinċipju 7 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Emenda

(29) Mid-Direttiva 91/533/KEE fl-Unjoni ġiet adottata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet ta' infurzar għall-acquis soċjali, partikolarment fl-oqsma ta' kontra d-diskriminazzjoni u tal-opportunitajiet indaqs; ***jenħtieġ li din is-sistema tiġi applikata b'mod sħiħ*** għal din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema, ***kif definit fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva, ikollhom*** aċċess għal rizzoluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, li jirrifletti l-Prinċipju 7 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. ***Jenħtieġ ukoll li jiġi kkunsidrat b'mod urġenti li jitwessgħu dawn id-dispożizzjonijiet ta' infurzar għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol.***

Emenda 34

Proposta għal direttiva Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33a) Peress li l-infurzar tar-regoli tal-Unjoni Ewropea huwa importanti għall-Ewropej, sistema robusta, effiċjenti u effettiva hija meħtieġa biex tiżgura li l-Istati Membri japplikaw bis-sħiħ, jimplimentaw u jinfurzaw id-dritt tal-UE u jipprovdu rimedju adegwat. B'mod partikolari fil-każ ta' sensji kollettivi, jenħtieġ li l-ħaddiema jibbenefikaw minn tali sistema. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lit-trade unionsifittxu azzjonijiet rappreżentattivi mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-ħaddiema.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Premessa 33b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33b) L-oneru tal-prova li ma kienx hemm relazzjoni ta' impjeg jenħtieġ li jaqa' fuq il-persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli bħala l-impjegatur abbażi tas-supremazija tal-fatti.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 33c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33c) Persuni li jirrapportaw sitwazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet mogħtija taħt din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġu protetti b'mod sħiħ mir-regoli Ewropej attwali u futuri rigward il-protezzjoni tal-informaturi.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36a) Ix-xogħol irid ikun strutturat skont l-għanijiet ekonomiċi individwali u kollettivi tiegħu, iżda wkoll bħala strument li permezz tiegħu il-ħaddiem jikseb sodisfazzjon personali bħala bniedem.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Premessa 36b (ġdida)

(36b) Sa dan il-punt, ix-xogħol jakkwista dimensjoni personali u individwali, kif ukoll dimensjoni kollettiva u soċjali.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna sabiex jevalwaw l-impatt tal-att ta' traspożizzjoni tagħhom fuq l-SMEs biex jiżguraw li l-SMEs ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, b'attenzjoni speċifika għall-mikrointrapriżi u għall-piż amministrattiv, u biex jippubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet.

imħassar

Emenda 40

Proposta għal direttiva Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38) L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt sabiex jagħmlu dan u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li fi kwalunkwe mument jistgħu jiggarrantixxu r-riżultati mitluba skont din id-Direttiva.

(38) L-Istati Membri jenħtieġ li jinkarigaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt sabiex jagħmlu dan u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li fi kwalunkwe mument jistgħu jiggarrantixxu r-riżultati mitluba skont din id-Direttiva.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol billi tippromwovi impjegi iktar siguri u prevedibbli filwaqt li tiżgura adattabbiltà fis-suq tax-xogħol.

Emenda

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol billi tippromwovi impjegi iktar siguri, ***trasparenti, ċari, informati*** u prevedibbli filwaqt li tiżgura adattabbiltà fis-suq tax-xogħol ***u l-applikazzjoni effiċjenti u mhux diskriminatorja tal-liġi.***

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi drittijiet minimi li japplikaw għal kull ħaddiem fl-Unjoni.

Emenda

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi drittijiet minimi li japplikaw għal kull ħaddiem fl-Unjoni. ***Dawn id-drittijiet minimi japplikaw għal kull persuna li tkun ħaddiem de facto irrISPettivament mill-istatus formali tagħha jew mill-eżistenza ta' kuntratt ta' impjeg bil-miktub, fis-settur pubbliku jew f'dak privat fl-Unjoni Ewropea.***

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-obbligi f'din id-Direttiva għal ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impjeg ta' 8 sigħat jew inqas b'kollox f'perjodu ta' referenza ta' xahar. Il-ħin maħdum mal-impjegaturi kollha li jiffurmaw jew jappartjenu għall-istess intrapriża, grupp jew entità għandu***

Emenda

imħassar

jingħadd ma' dak il-perjodu ta' 8 sghat.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għal relazzjoni ta' impjieg fejn l-ebda ammont garantit ta' xogħol imħallas ma jkun stabbilit minn qabel qabel jibda l-impjieg.

Emenda

imħassar

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw liema persuni huma responsabbli għat-twettiq tal-obbligi għall-impjegaturi stabbiliti b'din id-Direttiva dment li daww l-obbligi kollha jkunu ssodisfati. Huma jistgħu wkoll jiddeċiedu li daww l-obbligi kollha jew parti minnhom jiġu assenjati lil persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx parti mir-relazzjoni ta' impjieg. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/104/KE.

Emenda

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw liema persuni huma responsabbli għat-twettiq tal-obbligi għall-impjegaturi stabbiliti b'din id-Direttiva dment li daww l-obbligi kollha jkunu ssodisfati. Huma jistgħu wkoll jiddeċiedu li daww l-obbligi kollha jew parti minnhom jiġu assenjati lil persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx parti mir-relazzjoni ta' impjieg. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/104/KE. *Meta persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar tkun jew ikunu direttament jew indirettament parti f'relazzjoni ta' impjieg ma' ħaddiem, huma għandhom ikunu responsabbli in solidum skont l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, kif jixraq u bis-sħiħ.*

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. *L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 u fl-Artikolu 14(a) għal persuni fiżiċi li jappartjenu f'unità domestika fejn ikun qed isir xogħol għal dik l-unità domestika.*

imħassar

Emenda 47

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Kapitolu II ta' din id-Direttiva **japplika** għall-baħħara u għas-sajjieda mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159, **rispettivament**.

7. Din id-Direttiva **tapplika** għall-baħħara u għas-sajjieda **fuq il-baħar, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet speċifiċi tas-settur**, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159, **jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tal-Unjoni li tkun aktar speċifika u tagħti livell ogħla ta' protezzjoni lill-baħħara u lis-sajjieda.**

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) "ħaddiem" tfisser persuna naturali li **għal ċertu perjodu ta' żmien** twettaq servizzi għal persuna oħra u taħt id-direzzjoni **tagħha** għal remunerazzjoni;

(a) "ħaddiem" tfisser persuna naturali li twettaq servizzi għal persuna oħra u taħt id-direzzjoni **ta' impjegatur** għal remunerazzjoni;

Emenda 49

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) "impjegatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar li hija jew huma direttament jew indirettament parti mir-relazzjoni ta' impjieg ma' ħaddiem;

Emenda

(b) "impjegatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar (***pjattaforma virtwali jew mod ieħor***) ***li jimpjega(w) is-servizzi ta' ħaddiem wieħed jew aktar u*** li hija jew huma direttament jew indirettament parti mir-relazzjoni ta' impjieg ma' ***mill-inqas*** ħaddiem ***wieħed***;

Emenda 50

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) "sigħat u jiem ta' referenza" tfisser ***slots*** ta' ħin f'jiem speċifiċi li matulhom ix-xogħol jista' jsir ***fuq talba tal-impjegatur***.

Emenda

(e) "sigħat u jiem ta' referenza" tfisser ***skedi, xiftijiet u kwalunkwe slot*** ta' ħin f'jiem speċifiċi li matulhom ix-xogħol jista' jsir;

Emenda 51

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(e a) "perjodu ta' prova" tfisser perjodu limitat ta' żmien miftiehem minn qabel fil-bidu tar-relazzjoni ta' impjieg, li matulu ħaddiem jiġi mgħallem u l-prestazzjoni tiegħu tiġi mmonitorjata mill-qrib sabiex jiġu vvalutati l-kapaċitajiet tiegħu jew tagħha u li għalihom għanjiet ċari ta' prestazzjoni huma definiti minn qabel u li fih tista' tiġi tterminata r-relazzjoni tal-impjieg fi kwalunkwe ħin.

Emenda

Emenda 52

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi jkunu meħtieġa li jinfirmaw lill-ħaddiema dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi jkunu meħtieġa li jinfirmaw lill-ħaddiema dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieg ***u li l-ħaddiema jkollhom id-dritt li jitolbu tali informazzjoni.***

Emenda 53

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

Emenda

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi ***tal-inqas:***

Emenda 54

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-identitajiet tal-partijiet fir-relazzjoni ta' impjieg;

Emenda

(a) l-identitajiet tal-partijiet fir-relazzjoni ta' impjieg ***inkluż tal-inqas l-ismijiet sħaħ, l-indirizzi u, jekk applikabbli, ir-rappreżentanti legali;***

Emenda 55

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) fil-każ ta' relazzjoni ta' impjieg temporanju, id-data tat-tmiem jew id-durata mistennija tiegħu;

Emenda

(e) fil-każ ta' relazzjoni ta' impjieg temporanju, id-data tat-tmiem jew id-durata mistennija tiegħu, ***l-isem tal-intrapriża utenti fil-każ ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija kif ukoll it-tabella tas-salarji tal-impriża tal-utent***

sabiex tiġi prevista paga ugwali;

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) kwalunkwe intitolament għal taħriġ ipprovdut mill-impjegatur;

Emenda

(g) kwalunkwe intitolament għal taħriġ ipprovdut mill-impjegatur ***jekk ikun obbligat jipprovdih skont il-liġi, taħt it-termini tal-ftehimiet kollettivi, jew f'konformità mal-politika ta' taħriġ ġenerali tal-impjegatur;***

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) il-proċedura, li tinkludi t-tul tal-perjodu ta' avviż, li trid tiġi osservata mill-impjegatur u mill-ħaddiem jekk ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tintemm jew, meta t-tul tal-perjodu ta' avviż ma jkunx jista' jiġi indikat meta tingħata l-informazzjoni, il-metodu sabiex jiġi determinat dak il-perjodu ta' avviż;

Emenda

(i) il-proċedura, li tinkludi t-tul tal-perjodu ta' avviż, li trid tiġi osservata mill-impjegatur u mill-ħaddiem jekk ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tintemm jew, meta t-tul tal-perjodu ta' avviż ma jkunx jista' jiġi indikat meta tingħata l-informazzjoni, il-metodu sabiex jiġi determinat dak il-perjodu ta' avviż ***kif ukoll ir-rekwiżiti għall-avviż ta' terminazzjoni, il-limiti ta' żmien għall-infurzar tal-pretensjonijiet, li għandhom jinkludu skadenzi għat-tressiq ta' rikors li jikkontesta sensja jew għall-kumpens għal inċidenti/korrimenti fuq il-post tax-xogħol u kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema;***

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) l-ammont bażiku inizjali, kwalunkwe element ta' komponenti oħrajn, il-frekwenza u l-metodu ta' ħlas tar-remunerazzjoni li l-ħaddiem huwa intitolat għaliha;

Emenda

(j) l-ammont bażiku inizjali, kwalunkwe element ta' komponenti oħrajn ***indikar, separatament, bħal ħlas ta' sahra, bonusijiet u intitolamenti oħrajn, bħall-ħlas matul mard, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallas mill-impjegatur***, il-frekwenza u l-metodu ta' ħlas tar-remunerazzjoni li l-ħaddiem huwa intitolat għaliha;

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt l – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) il-kondizzjonijiet u l-livell ta' kumpens finanzjarju fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' xogħol mill-impjegatur.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(m) kwalunkwe ftehim kollettiv li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem; fil-każ ta' ftehimiet kollettivi konklużi barra n-negozju minn korpi jew istituzzjonijiet konġunti speċjali, l-isem tal-korp kompetenti jew tal-istituzzjoni konġunta li fi ħdanha ġew konklużi l-ftehimiet;

(m) kwalunkwe ftehim kollettiv li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem ***kif ukoll il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi għal pretensjonijiet derivati minn dawk il-ftehimiet***; fil-każ ta' ftehimiet kollettivi konklużi barra n-negozju minn korpi jew istituzzjonijiet konġunti speċjali, l-isem tal-korp kompetenti jew tal-istituzzjoni konġunta li fi ħdanha ġew konklużi l-ftehimiet, ***u l-perjodi ta' limitu jekk ikun hemm minnhom***;

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(na) kwalunkwe limitu ta' żmien biex jiġu infurzati l-pretensjonijiet kontra l-impjegatur;

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt nb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(nb) kwalunkwe benefiċċju in natura li l-impjegatur jipprovdi għall-ħaddiem;

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt nc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(nc) kwalunkwe kategorizzazzjoni fi skema ta' ħlas ġenerali;

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(f) sa (k) u (n) **tista', fejn xieraq, tingħata f'forma ta'** referenza għal-liġijiet, **ir-regolamentazzjonijiet** u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew ftehimiet **kollettiv** li jirregolaw dawk il-punti partikolari.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(f) sa (k) u (n) **għandha tkun akkumpanjata minn** referenza għal-liġijiet, **ir-regolamenti** u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew ftehimiet **kollettivi** li jirregolaw dawk il-punti partikolari.

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) m'għandhiex tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-ħaddiem.

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) għandha tingħata individwalment lill-ħaddiem fil-forma ta' dokument **sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tar-relazzjoni** ta' impjieg. Dak id-dokument **jista'** jiġi pprovdut u trażmess b'mod elettroniku **dment li jkun aċċessibbli faċilment mill-ħaddiem u jista' jinħażen u jiġi stampat.**

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) għandha tingħata individwalment lill-ħaddiem fil-forma ta' dokument **tal-karta l-aktar kmieni possibbli u, fejn applikabbli, il-waqt meta jiġi ffirmat il-kuntratt tax-xogħol u qabel l-ewwel jum tar-relazzjoni** ta' impjieg. **Fuq talba tal-ħaddiem** dak id-dokument għandu jiġi pprovdut u trażmess b'mod elettroniku **f'format li jista' jinħażen u jiġi stampat, b'konferma tar-riċevuta. Din l-informazzjoni għandha tirrapreżenta avviż mill-impjegatur dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg miftiehma. L-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet tax-xogħol miftiehma għandha tkun tal-inqas ġimgħa qabel ma jibda l-impjieg.**

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Id-dokument għandu jiġi pprovdut

fl-istess waqt lir-rappreżentant tal-ħaddiema u lill-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni soċjali.

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw formoli u mudelli għad-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 u jagħmluhom għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, inkluż billi jagħmluhom disponibbli fuq sit web nazzjonali uffiċjali uniku u permezz ta' mezzi xierqa oħrajn.

Emenda

2. L-Istati Membri, **wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali**, għandhom jiżviluppaw formoli u mudelli għad-dokument imsemmi fil-paragrafu 1 u jagħmluhom għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, inkluż billi jagħmluhom disponibbli fuq sit web nazzjonali uffiċjali uniku u permezz ta' mezzi xierqa oħrajn. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tassisti lill-Istati Membri jipproduċu dawn il-formoli jew mudelli sabiex jevitaw kwalunkwe diskrepanza fil-kontenut bejn l-Istati Membri varji.***

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamentazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew il-ftehimiet kollettivi li jirregolaw il-qafas legali applikabbli li għandhom jiġu kkomunikati mill-impjegaturi ssir b'mod ġenerali disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, trasparenti, komprensiv u faċilment aċċessibbli mill-bogħod **permezz ta' mezzi elettroniċi**, inkluż permezz ta' portals online eżistenti għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamentazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew statutorji jew il-ftehimiet kollettivi **ġeneralment vinkolanti li kienu ġew iddikjarati universalment applikabbli** li jirregolaw il-qafas legali applikabbli li għandhom jiġu kkomunikati mill-impjegaturi ssir b'mod ġenerali disponibbli mingħajr ħlas b'mod faċilment aċċessibbli mill-bogħod **u b'**mezzi elettroniċi, inkluż permezz ta' portals online eżistenti għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni.

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe bidla fl-aspetti tar-relazzjoni ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-informazzjoni addizzjonali għall-ħaddiema stazzjonati jew mibgħuta barra mill-pajjiż tal-Artikolu 6 għandha **tiġi pprovduta** fil-forma ta' dokument mill-impjegatur lill-ħaddiem mal-ewwel opportunità u mhux iktar tard mill-jum li fih issir effettiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe bidla fl-aspetti tar-relazzjoni ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-informazzjoni addizzjonali għall-ħaddiema stazzjonati jew mibgħuta barra mill-pajjiż tal-Artikolu 6 għandha **tingħata** fil-forma ta' dokument **tal-karta** mill-impjegatur lill-ħaddiem mal-ewwel opportunità u mhux iktar tard mill-jum li fih issir effettiva. **Fuq talba tal-ħaddiem, id-dokument irid jiġi pprovdut u trażmess b'mod elettroniku bil-konferma tar-riċevuta kif stabbilit fl-Artikolu 4(1).**

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem ikun meħtieġ li jaħdem f' Stat Membru jew f'pajjiż terz li mhux l-Istat Membru li fih jaħdem normalment, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 4(1) għandu jingħata qabel it-tluq tiegħu u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem ikun meħtieġ li jaħdem f' Stat Membru jew f'pajjiż terz li mhux l-Istat Membru li fih jaħdem normalment, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 4(1) għandu jingħata **fi żmien perjodu raġonevoli** qabel it-tluq tiegħu u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **il-pajjiż jew il-pajjiżi** li fihom se jitwettaq ix-xogħol barra mill-pajjiż u d-

Emenda

(a) **il-post jew postijiet tax-xogħol eżatti fil-pajjiż/i** li fihom se jitwettaq ix-

durata tiegħu;

xogħol barra mill-pajjiż u d-durata tiegħu,
*kif ukoll l-arranġamenti għall-possibbiltà
li jittawwal jew jitqassar il-perjodu ta'
xogħol;*

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b a) is-sighat tax-xogħol, ir-regoli dwar
il-festi pubbliċi u l-arranġamenti dwar it-
taxxa u s-sigurtà fil-pajjiż li fih għandu
jsir ix-xogħol;*

Emenda 74

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b b) isem is-superjur ġerarkiku dirett
fil-post jew postijiet tax-xogħol fejn ikun
se jsir ix-xogħol barra l-pajjiż u li l-
ħaddiem stazzjonat jirrapporta lilu;*

Emenda 75

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(da) kwalunkwe bidliet fl-arranġamenti
tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali għall-
perjodu li matulu għandu jsir ix-xogħol
barra l-pajjiż;*

Emenda 76

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

(db) kwalunkwe arranġament għat-titwil jew it-tqassir possibbli tal-perjodu tax-xogħol;

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk il-ħaddiem mibgħut barra mill-pajjiż ikun ħaddiem stazzjonat kopert bid-Direttiva 96/71/KE, huwa għandu jiġi nnotifikat ukoll **dwar**:

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk il-ħaddiem mibgħut barra mill-pajjiż ikun ħaddiem stazzjonat kopert bid-Direttiva 96/71/KE, huwa għandu jiġi nnotifikat ukoll **kif stabbilit fl-Artikolu 4(1)**:

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) **ir-remunerazzjoni** li l-ħaddiem huwa intitolat għaliha skont il-liġi applikabbli tal-Istat Membru ospitanti;

(a) **il-kondizzjonijiet tal-impjeg skont l-Artikolu 3.1 tad-Direttiva 91/71/KE inkluża r-remunerazzjoni** li l-ħaddiem huwa intitolat għaliha skont il-liġi applikabbli tal-Istat Membru ospitanti;

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 6 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) u 2(a) **tista', fejn xieraq, tingħata f'forma ta' referenza għal-liġijiet, ir-regolamentazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew**

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) u 2(a) **għandha tingħata bil-miktub b'mod ċar u għandha tinkludi referenza għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi jew**

statutorji jew il-ftehimiet kollettivi li jirregolaw dawk il-punti partikolari.

statutorji jew il-ftehimiet kollettivi li jirregolaw dawk il-punti partikolari **u għandha tkun disponibbli jew tiġi tradotta f'lingwa li l-ħaddiema stazzjonati jkun jistgħu jifmuha.**

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Sakemm l-Istati Membri ma jipprevedux mod ieħor, il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk id-durata ta' kull perjodu tax-xogħol barra mill-Istat Membru li fih jaħdem normalment il-ħaddiem tkun ta' erba' ġimgħat konsekuttivi jew inqas.

imħassar

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta relazzjoni ta' impjieġ tkun soġġetta għal perjodu ta' **probazzjoni**, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż **is-sitt** xhur, **inkluż kwalunkwe estensjoni**.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta relazzjoni ta' impjieġ tkun soġġetta għal perjodu ta' **prova**, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż **it-tliet** xhur.

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodi ta' **probazzjoni** itwal f'każijiet **fejn** dan ikun iġġustifikat min-natura tal-impjieġ jew ikun fl-interess tal-ħaddiem.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodi ta' **prova** itwal, **sa sitt xhur**, f'każijiet **meta** dan ikun iġġustifikat **b'mod xieraq** min-natura tal-impjieġ, **il-ħiliet, il-kondizzjonijiet tax-xogħol** jew ikun fl-

interess tal-ħaddiem.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**2a. Perjodu ta' prova ma għandux
ixekkel l-akkumulazzjoni ta' drittijiet.**

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Impjieġ ***b'mod parallel***

Impjieġ ***ma' impjegaturi oħra***

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Madankollu, ***l-impjegaturi*** jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet ta' inkompatibbiltà fejn dawn ir-restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati minn raġunijiet leġittimi bħall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew l-evitar ta' kunflitti ta' interess.

2. Madankollu, ***l-Istati Membri*** jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet ta' inkompatibbiltà fejn dawn ir-restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati minn raġunijiet leġittimi bħall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew l-evitar ta' kunflitti ta' interess. ***L-impjegaturi ma jistgħux jistabbilixxu l-kondizzjonijiet ta' inkompatibbiltà b'mod unilaterali.***

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *meta l-iskeda tax-xogħol ta' ħaddiem tkun kompletament jew fil-biċċa l-kbira varjabbli u determinata kompletament jew fil-biċċa l-kbira mill-impjegatur, l-impjegatur jista' jirrikjedi biss li l-ħaddiem jaħdem:*

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *jekk ix-xogħol isir f'siġhat ta' referenza u f'jiem ta' referenza ddeterminati minn qabel, stabbiliti bil-miktub fil-bidu tar-relazzjoni ta' impjeg, skont l-Artikolu 3(2)(l)(i), u*

Emenda 88

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *jekk il-ħaddiem ikun infurmat mill-impjegatur tiegħu dwar l-assenjament ta' xogħol f'perjodu raġonevoli minn qabel, skont l-Artikolu 3(2)(l)(ii).*

Emenda 89

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *impjegatur ikun jista' jimmodifika l-mudell tas-siġhat normali tax-xogħol biss jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:*

Emenda

(a) *il-modifika hija ġġustifikata għal raġunijiet oġġettivi relatati mat-tip ta' xogħol;*

Emenda

(b) *il-ħaddiem ikun infurmat dwar il-mudell tas-siġhat tax-xogħol normali għall-ġimgħa rispettiva mill-inqas ġimagħtejn bil-quddiem, ħliet f'każijiet ta' emerġenza;*

Emenda

(ba) *il-modifika ma tkunx f'kunflitt ma' kwalunkwe interess leġittimu tal-*

ħaddiem;

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) il-modifika ma tkun f'kunflitt ma' ebda ftehim ieħor;

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal kull relazzjoni ta' impjeg, it-tul u l-mudell tal-ħin normali tax-xogħol ikunu determinati b'mod ċar. L-impjegaturi għandhom iħallsu premium għas-sahra.

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema li jkollhom mill-inqas sitt xhur esperjenza ta' xogħol mal-istess impjegatur, fejn disponibbli, jistgħu ***jitolbu*** forma ta' impjeg b'kondizzjonijiet tax-xogħol iktar prevedibbli u siguri.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema li jkollhom mill-inqas sitt xhur esperjenza ta' xogħol mal-istess impjegatur, fejn disponibbli, jistgħu ***jibdlu għal*** forma ta' impjeg b'kondizzjonijiet tax-xogħol iktar prevedibbli u siguri. ***Il-ħin maħdum mal-istess intrapriża, grupp jew entità jew persuna fiżika jew ġuridika għandu jgħodd għal dak il-perjodu ta' sitt xhur.***

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-impjegatur għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub fi żmien xahar **mit-talba**. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi li jaġixxu bħala impjegaturi u intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dik l-iskadenza tiġi estiża għal mhux iktar minn **tliet xhur u jippermettu li tingħata risposta bil-fomm għal talba sussegwenti simili mressqa mill-istess ħaddiem jekk il-ġustifikazzjoni għat-tweġiba fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħaddiem tibqa' l-istess.**

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Emenda

2. L-impjegatur għandu **ġenwinament iqis il-konverżjoni u** jipprovdi tweġiba bil-miktub **sostanzjata kif jixraq** fi żmien xahar **mill-applikazzjoni**. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi li jaġixxu bħala impjegaturi u intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dik l-iskadenza tiġi estiża għal mhux iktar minn **xahar addizzjonali. Fin-nuqqas ta' tweġiba għat-talba għal konverżjoni fi żmien xahar, il-konverżjoni tiġi preżunta li daħlet fis-seħħ mill-ewwel jum wara dan il-perjodu. Jekk l-applikazzjoni tiġi rrifjutata, il-korrettezza tar-raġunijiet trid tiġi soġġetta għal rieżami.**

Emenda

2a. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija tax-xogħol temporanju li jkunu ġew assenjati lill-istess intrapriża utenti li jaħdmu temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha għal mill-inqas sitt xhur iridu jiġu impjegati bħala parti mill-forza tax-xogħol permanenti tal-impriża utenti.**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi rilevanti jkunu jirrikjedu li l-impjegaturi jipprovdu ***t-taħriġ*** lill-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol li jiġu impjegati għalih, ***dan it-taħriġ għandu jingħata*** lill-ħaddiem mingħajr ħlas.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi rilevanti jkunu jirrikjedu li l-impjegaturi jipprovdu ***kwalunkwe taħriġ jew edukazzjoni*** lill-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol li jiġu impjegati għalih, ***tali taħriġ jew edukazzjoni għandhom jingħataw*** lill-ħaddiem mingħajr ħlas.

Emenda 96

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 97

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 98

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – punt 1c (ġdid)**

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu intitolati għal ammont minimu ta' taħriġ matul il-ħinijiet tax-xogħol ekwivalenti għal mill-inqas l-ammont ta' ġimgħa tax-xogħol normali waħda kull sena.

Emenda

Il-ħaddiem għandu jibqa' jiġi remunerat, daqslikieku kien qiegħed jaħdem.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta dan ikun possibbli, it-taħriġ għandu jsir waqt il-ħinijiet tax-xogħol normali. Fil-każijiet kollha, il-ħin użat għat-taħriġ għandu jittqies bħala ħin tax-xogħol.

Emenda 99

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – punt 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu intitolati għal leave edukattiv bi ħlas.

Emenda 100

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Trattament ugwali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji ta' paga ugwali u ta' termini u kondizzjonijiet ugwali jkunu japplikaw għall-ħaddiema kollha u jiżguraw f'dan ir-rigward l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kollha, irrispettivament mill-istatus tal-impjeg.

Emenda 101

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li s-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li s-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet

kollettivi, f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali, li, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema, jistabbilixxu arranġamenti dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jkunu differenti minn dawk imsemmija fl-Artikoli 7 sa 11.

kollettivi, f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali, li, filwaqt li jirrispettaw ***bis-sħiħ*** il-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema ***u jiżguraw li l-istandards minimi stabbiliti f'din id-Direttiva ma jiġux ostakolati***, jistabbilixxu arranġamenti dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jkunu differenti ***iżda m'għandhomx ikunu inqas*** minn dawk imsemmija fl-Artikoli 7 sa 11.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jmorru kontra din id-Direttiva fi ftehimiet individwali jew kollettivi, regoli interni ta' intrapriżi, jew kwalunkwe arranġament ieħor ***għandhom jiġu ddikjarati nulli jew jiġu emendati*** sabiex jagħmluhom konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda

Id-dispożizzjonijiet li jmorru kontra din id-Direttiva ***u inqas ta' benefiċċju għall-ħaddiem*** fi ftehimiet individwali jew kollettivi, regoli interni ta' intrapriżi, jew kwalunkwe arranġament ieħor ***huma nulli u bla effett u għandhom jiġu emendati*** sabiex ***għall-inqas*** jagħmluhom konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem ma jkunx irċieva fil-ħin id-dokumenti kollha, jew parti minnhom, imsemmija fl-Artikolu 4(1), fl-Artikolu 5, jew fl-Artikolu 6, ***u l-impjegatur naqas milli jirrettifika dik l-omissjoni fi żmien 15-il jum min-notifika tagħha***, għandha tapplika waħda mis-sistemi li ġejjin:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem ma jkunx irċieva fil-ħin id-dokumenti kollha, jew parti minnhom, imsemmija fl-Artikolu 4(1), fl-Artikolu 5, jew fl-Artikolu 6, għandha tapplika waħda mis-sistemi li ġejjin:

Emenda 104

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-ħaddiem għandu jibbenefika minn preżunzjonijiet favorevoli **definiti mill-Istat** Membru. Meta l-informazzjoni pprovduta ma tinkludix l-informazzjoni msemmija fil-punti (e), (f), (k) jew (l) tal-Artikolu 3(2), il-preżunzjonijiet favorevoli għandhom jinkludu preżunzjoni li l-ħaddiem ikollu relazzjoni ta' impjeg miftuħa, li ma hemm ebda perjodu ta' **probazzjoni jew** li l-ħaddiem għandu pożizzjoni full-time, rispettivament. L-impjegaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jirribattu l-preżunzjonijiet; **or**

Emenda

(a) il-ħaddiem għandu jibbenefika minn preżunzjonijiet favorevoli, **li l-Istat** Membru **għandu l-obbligu li jiddefinixxihom**. Meta l-informazzjoni pprovduta ma tinkludix l-informazzjoni msemmija fil-punti (e), (f), (k) jew (l) tal-Artikolu 3(2), il-preżunzjonijiet favorevoli **rrappurtati mill-ħaddiem għandhom japplikaw kif miftiehem u** għandhom jinkludu preżunzjoni li l-ħaddiem ikollu relazzjoni ta' impjeg miftuħa, li ma hemm ebda perjodu ta' **prova u** li l-ħaddiem għandu pożizzjoni full-time, rispettivament. L-impjegaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jirribattu l-preżunzjonijiet; **u**

Emenda 105

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-ħaddiem għandu jkollu l-possibbiltà li jressaq ilment lill-awtorità kompetenti fi żmien xieraq. Jekk l-awtorità kompetenti ssib li l-ilment ikun iġġustifikat, hija għandha tordna lill-impjegatur(i) rilevanti sabiex jipprovdi/u l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-impjegatur ma jipprovdi l-informazzjoni nieqsa fi żmien 15-il jum wara li jirċievi l-ordni, l-awtorità għandha tkun tista' timponi penali **amministrattiva** xierqa, anke jekk ir-relazzjoni ta' impjeg tkun intemmet. L-impjegaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu appell amministrattiv kontra d-deċizzjoni li tiġi imposta penali. L-Istati Membri jistgħu jaħtru korpi eżistenti bħala l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

(b) il-ħaddiem għandu jkollu l-possibbiltà li jressaq ilment lill-awtorità kompetenti fi żmien xieraq. Jekk l-awtorità kompetenti ssib li l-ilment ikun iġġustifikat, hija għandha tordna lill-impjegatur(i) rilevanti sabiex jipprovdi/u l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-impjegatur ma jipprovdi l-informazzjoni nieqsa fi żmien 15-il jum wara li jirċievi l-ordni, l-awtorità għandha tkun tista' timponi penali **dissważiva u obligatorja prestabbilita** xierqa, anke jekk ir-relazzjoni ta' impjeg tkun intemmet. L-impjegaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu appell amministrattiv kontra d-deċizzjoni li tiġi imposta penali. L-Istati Membri jistgħu jaħtru korpi eżistenti bħala l-awtoritajiet

kompetenti.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Is-supremazija tal-fatti

Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjeg għandha tkun iggwidata mill-fatti relatati mat-twettiq effettiv tax-xogħol u mhux abbażi ta' kif il-partijiet jiddeskrivu r-relazzjoni.

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jintroduċu ***miżuri*** meħtieġa sabiex jiproteġu lill-ħaddiema, inklużi ***l-ħaddiema*** li jkunu rappreżentanti tal-impjegati, minn kull trattament negattiv min-naħa tal-impjegatur jew minn konsegwenzi negattivi li jirriżultaw minn ilment imressaq lill-impjegatur jew minn kwalunkwe proċeduri legali mibdija bil-għan li tiġi infurzata l-konformità ***mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.***

L-Istati Membri għandhom jintroduċu ***l-miżuri*** meħtieġa ***kollha, fost l-oħrajn penali dissważivi u obligatorji prestabbiliti,*** sabiex jiproteġu lill-ħaddiema ***kollha, irrispettivament mill-istatus legali jew formali tagħhom,*** inklużi ***ħaddiema*** li jkunu rappreżentanti tal-impjegati ***jew tat-trade unions,*** minn kull trattament negattiv min-naħa tal-impjegatur jew minn konsegwenzi negattivi li jirriżultaw minn ilment imressaq lill-impjegatur jew minn kwalunkwe proċeduri legali mibdija bil-għan li tiġi infurzata l-konformità ***ma' dawn id-drittijiet.***

Emenda 108

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Persuni li jirrapportaw sitwazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet mogħtija taħt din id-Direttiva, għandhom jiġu protetti b'mod sħiħ mil-leġiżlazzjoni Ewropea rigward il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprojbixxu s-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja tal-ħaddiema, minħabba li huma eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprojbixxu, **u jiddikjaraw bħala legalment ineffettivi** s-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja **jew detrimenti oħra jew trattamenti inqas favorevoli** tal-ħaddiema, minħabba li huma eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva. **L-impjegatur għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar ir-raġunijiet tas-sensja, inkella s-sensja għandha titqies bħala ineffettiva mil-lat ġuridiku. Il-miżuri meħtieġa għandhom jinkludu wkoll id-dritt ta' ingaġġ mill-ġdid u kumpens.**

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ħaddiema li jikkunsidraw li ġew imkeċċija, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jistgħu jitolbu li l-impjegatur jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha. L-

Emenda

2. Ħaddiema li jikkunsidraw li ġew imkeċċija, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jistgħu jitolbu li l-impjegatur jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha. L-

impjegatur għandu jipprovdi dawk ir-raġunijiet bil-miktub.

impjegatur għandu jipprovdi dawk ir-raġunijiet bil-miktub. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' skadenza għat-tressiq ta' rikors għal kontestazzjoni ta' tkeċċija tiġi sospiża dment li l-ħaddiem ma jkunx irċieva ġustifikazzjoni bil-miktub mill-impjegatur.***

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, meta l-ħaddiema msemija fil-paragrafu 2 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li jista' jiġi preżunt minnhom li kien hemm sensja ta' dan it-tip jew l-ekwivalenti tagħha, għandu jkun il-konvenut li juri li s-sensja kienet ibbażata fuq raġunijiet differenti minn dawk imsemija fil-paragrafu 1.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, meta l-ħaddiema msemija fil-paragrafu 2 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li jista' jiġi preżunt minnhom li kien hemm sensja ta' dan it-tip jew l-ekwivalenti tagħha, għandu jkun il-konvenut li juri li s-sensja kienet ibbażata fuq raġunijiet differenti minn dawk imsemija fil-paragrafu 1. ***Sensja ma għandhiex tidħol fis-seħħ sakemm il-kwistjoni tkun ġiet riżolta.***

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. L-Istati Membri għandhom jippermettu lit-trade unions ifittxu azzjonijiet rappreżentattivi mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-ħaddiema fir-rigward ta' din id-direttiva li jikkorrispondu mar-regoli tad-Direttiva 2009/22/KE.^{1a}

^{1a} għandha titħassar minn 2018/0089(COD); Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-
protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-
konsumaturi.*

Emenda 113

**Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 6b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**6b. Jekk l-impjegatur jonqos milli
jipprova raġunijiet sostanzjali għas-
sensja jew l-ekwivalenti tagħha
f'konformità mal-Artikolu 17(2), għandu
jiġi preżunt li l-ħaddiem ingħata s-sensja
minħabba li eżerċita d-drittijiet ta' din id-
Direttiva.**

Emenda 114

**Proposta għal direttiva
Artikolu 17a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17a

**L-oneru tal-prova tal-eżistenza tar-
relazzjoni ta' impjieg**

**L-oneru tal-prova li ma kienx hemm
relazzjoni ta' impjieg għandu jaqa' fuq il-
persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli
bħala l-impjegatur.**

Emenda 115

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-
regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur
tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati
skont din id-Direttiva jew id-

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-
regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur
tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati
skont din id-Direttiva jew id-

dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawn **jistgħu** jieħdu l-forma ta' multa. **Jistgħu** jinkludu **wkoll** hłas ta' kumpens.

dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar id-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawn **għandhom ukoll** jieħdu l-forma ta' multa **u jinkludu hłas ta' kumpens xieraq u mill-inqas proporzjonali**.

Emenda 116

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema fi hđan l-Istati Membri.

Emenda

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema fi hđan l-Istati Membri. **L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tridx tikkostitwixxi raġuni għal xi rigressjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni li diġà tipprevali f'kull Stat Membru u fir-rigward tal-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema u fl-oqsma li għalihom tkun applikabbli.**

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. L-Istati Membri huma meħtieġa jtejbu progressivament il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-qasam regolatorju li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Karta Soċjali Ewropea.

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 20a

Il-faċilitazzjoni tal-ilmenti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-ħaddiema jkunu jistgħu jippreżentaw ilmenti kontra l-impjegaturi tagħhom, direttament jew permezz ta' partijiet terzi nominati mill-Istati Membri bħat-trade unions jew assoċjazzjonijiet oħra jew awtorità kompetenti tal-Istat Membru meta dan ikun previst b'leġiżlazzjoni nazzjonali.

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għar-relazzjonijiet ta' impjeg eżistenti minn [data tad-dħul fis-seħħ + sentejn].

Madankollu, l-impjegaturi għandhom jipprovdu jew jikkomplementaw id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 biss fuq talba ta' ħaddiem. In-nuqqas ta' tali talba ma għandux ikollu l-effett li jeskludi lill-ħaddiema mid-drittijiet minimi stabbiliti skont din id-Direttiva.

Id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għar-relazzjonijiet ta' impjeg eżistenti minn [data tad-dħul fis-seħħ + sentejn].

Emenda 120

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sa [data tad-dħul fis-seħħ + **8** snin], il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u filwaqt li tqis l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva bil-għan li tipproponi, fejn xieraq, l-emendi meħtieġa.

Emenda

Sa [data tad-dħul fis-seħħ + **5** snin], il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u filwaqt li tqis l-impatt fuq l-intrapriżi *mikro*, żgħar u ta' daqs medju, tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva bil-għan li tipproponi, fejn xieraq, l-emendi meħtieġa.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea		
Referenzi	COM(2017)0797 – C8-0006/2018 – 2017/0355(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL	18.1.2018	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI	18.1.2018	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Kostas Chrysogonos	24.1.2018	
Eżami fil-kumitat	15.5.2018	20.6.2018	3.9.2018
Data tal-adozzjoni	24.9.2018		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	20 0 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Jean-Marie Cavada, Rosa Estaràs Ferragut, Heidi Hautala, Sylvia-Yvonne Kaufmann, António Marinho e Pinto, Emil Radev, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Gaetano Cofferati, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Jytte Guteland, Jiří Maštálka		
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Guillaume Balas, John Howarth, Christelle Lechevalier		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
ALDE	António Marinho e Pinto
EFDD	Joëlle Bergeron
ENF	Marie-Christine Boutonnet, Christelle Lechevalier
GUE/NGL	Jiří Maštálka
PPE	Geoffroy Didier, Rosa Estaràs Ferragut, Emil Radev, Pavel Svoboda, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka
S&D	Guillaume Balas, Sergio Gaetano Cofferati, Jytte Guteland, John Howarth, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Evelyn Regner
VERTS/ALE	Max Andersson, Pascal Durand

0	-

1	0
ALDE	Jean-Marie Cavada

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni